SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

16 ta' April 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Provvisti — Speċifikazzjonijiet tekniċi — Prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni — Obbligu ta' trasparenza — Riferiment għal prodott tad-ditta — Evalwazzjoni tan-natura ekwivalenti ta' prodott propost minn offerent — Waqfien tal-manifattura ta' prodott ta' riferiment"

Fil-Kawża C-278/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2014, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Ġunju 2014, fil-proċedura

SC Enterprise Focused Solutions SRL

vs

Spitalul Județean de Urgență Alba Iulia,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, A. Rosas, E. Juhász u D. Šváby (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Awstrijak, minn M. Fruhmann, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Nicolae u A. Tokár, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(8) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU L 134, p. 114, u rettifika ĠU 2004, L 351, p. 44), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1251/2011 tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Novembru 2011 (ĠU L 319, p. 43, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2004/18").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn SC Enterprise Focused Solutions SRL (iktar 'il quddiem "EFS") u Spitalul Județean de Urgență Alba Iulia (sptar reġjonali ta' emerġenzi ta'Alba Iulia) fir-rigward ta' deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tiċħad l-offerta magħmula minn EFS fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessa 2 tad-Direttiva 2004/18 hija fformulata kif ġej:

"L-għoti ta'kuntratti ffinalizzati fl-Istati Membri f'isem l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u korpi oħra mmexxija minn entitajiet legali pubbliċi, huwa soġġett li josserva l-prinċipji tat-Trattat u in partikolari għall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-prodotti, il-prinċipju ta' l-istabbiliment ħieles u l-prinċipju tal-libertà li tipprovdi servizzi u l-prinċipji li jitnisslu minn dawn, bħal ma huwa il-prinċipju tat-trattament ugwali, il-prinċipju ta' bla diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' għarfien reċiproku, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju tat-trasparenza. Madankollu, għall-kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu ammont, huwa rakkomandat li jinħarġu dispożiżżjonijiet ta' kordinazzjoni Komunitarja tal-proċeduri nazzjonali għall-għoti ta' kuntratti bħal dawn li huma bbażati fuq dawn il-prinċipji sabiex jiġu assigurati l-effetti li dawn jista' jkollhom u biex jiggarantixxu l-bidu tal-kisba għall-kompetizzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet kordinati għandhom għalhekk jiġu interpretati skont ir-regoli imsemmija iktar qabel u l-prinċipji u regoli oħra tat-Trattat".

4 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Prinċipji ta' assenjar ta' kuntratti":

"L-awtoritajiet kuntrattwali [kontraenti] se jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u se jaġixxu b'mod trasparenti."

5 Konformement mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(b) tad-Direttiva 2004/18, dan huwa applikabbli b'mod partikolari għal kuntratti pubbliċi għal provvisti li jkollhom valur, esklużа t-taxxa fuq il-valur miżjud, (iktar 'il quddiem il-"VAT") ta' jew iktar minn EUR 200 000 fir-rigward ta' kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, minbarra dawk mogħtija mill-awtoritajiet governattivi ċentrali msemmija fl-Anness IV ta' din id-direttiva.

6 Il-kunċett ta' "speċifikazzjonijiet tekniċi" huwa ddefinit fit-taqsima 1(b) tal-Anness VI tad-Direttiva 2004/18 kif ġej:

"speċifikazzjoni teknika, fil-każ ta' fornitura pubblika jew kuntratti ta' servizz, tfisser speċifikazzjoni li tagħti tifsira għall-karatteristiċi rikjesti ta' prodott jew ta' servizz, bħal livelli ta' kwalità, livell ta' eżekuzzjoni ambjentali, disinn għal kull rikjesta (inkluż l-accessibilità għal persuni b'disabbiltà) assessjar ta' konformità, eżekuzzjoni, użu tal-prodott, sigurtà u dimensjonijiet inkluż ir-rikjesti rilevanti għall-prodott rigward l-isem taħt liema l-prodott huwa mibjugħ, terminoloġija, simboli, metodi u ta' ttestjar u testijiet, ippakkettar, l-immarkar u t-tikkettar, instruzzjonijiet għal min se jużah, proċessi u metodi ta' produzzjoni u proċessi ta' assessjar dwar konformità".

7 Skont l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva:

"[...]

2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali għal dawk li jixħtu l-offerti u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakli mhux ġustifikati għal ftuħ ta' dispożizzjoni pubbliku għal kompetizzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli Tekniċi nazzjonali obbligatorji, safejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità, l-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom ikunu formulati:

a) jew b'riferenza għal speċifikazzjonijiet Tekniċi definit fl-Anness VI u, f'ordni ta' preferenza, għal bdil ta' *Standards* nazzjonali ma' bdil ta' *Standards* Ewropej, approvazzjonijiet Tekniċi Ewropej, speċifikazzjonijiet Tekniċi komuni, Standards internazzjonali, sistemi oħra ta' referenza teknika stabbiliti mill-korpi standardizzanti Ewropej jew — fejn ma jeżistux — skont Standards nazzjonali, approvazzjonijiet Tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet Tekniċi nazzjonali relatati mat-tifsil, kalkolu u twettiq tax-xogħlijiet u użu tal-prodotti. Kull riferenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti";

b) jew f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali; ta' l-aħħar jistgħu jinkludu karatteristiċi ambjentali. Madankollu, parametri bħal dawn għandhom ikunu preċiżi biżżejjed li jippermettu lil dawk li jixħtu l-offerti biex jiddeterminaw il-kontenut suġġettiv tal-kuntratt u li jippermettu awtoritajiet kontrattwanti [kontraenti] li jagħtu l-kuntratt;

c) jew f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali kif imsemmija fis-sub-paragrafu (b), b'riferenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafu (a) bħala mezz biex tiġi preżunta konformità ma' twettiq bħal dan jew ħtiġijiet funzjonali;

d) jew billi jsir riferiment għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmijin fis-sub-paragrafu (a) għal ċerti karatteristiċi, u billi jsir riferiment għat-twettiq jew ħtiġijiet funzjonali, imsemmijin fis-sub-paragrafu (b) għal karatteristiċi oħra.

[...]

8. Jekk ma jkunux ġustifikati bil-kontenut suġġettiv tal-kuntratt, speċifikazzjonijiet Tekniċi m'għandhomx jirreferu għal għamla jew sors, jew proċess partikolari, jew marki ta' ditta, dokumenti ta' dritt, tipi jew oriġini speċifiku jew produzzjoni bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti intrapriżi jew ċerti prodotti. Riferenza bħal din għandha tkun permessa fuq bażi eċċezzjonali, fejn deskrizzjoni preċiża biżżejjed u tinftiehem tal-kontenut suġġettiv tal-kuntratt fis-segwiment ta' paragrafi 3 u 4 mhijiex possibli; referenza bħal din għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti'".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Fl-20 ta' Novembru 2013, Spitalul Județean de Urgență Alba Iulia nediet proċedura ta' sejħa għal offerti online bl-iskop li tikkonkludi kuntratt għall-provvista ta' sistemi u materjali informatiċi. Il-valur stmat ta' dan il-kuntratt kien jammonta għal 259 750 lei Rumeni (RON) eskluża l-VAT. Dan huwa ekwivalenti għal madwar EUR 58 600.

9 Id-dokumenti tal-kuntratt jispeċifikaw, f'dak li jirrigwarda l-qafas ċentrali tas-sistema informatika, li l-proċessur għandu jkun konformi 'bħala minimu' ma' proċessur "Intel Core i5 3 2 GHz jew l-ekwivalenti tiegħu".

10 L-offerta preżentata minn EFS tinkludi proċessur tal-marka AMD u tat-tip Quad Core A8-5600k, b'sitt cores, bi frekwenza standard ta' 3.6 GHz u bi frekwenza "turbo" ta' 3.9 GHz.

11 Din l-offerta ġiet miċħuda għar-raġuni li ma kinitx tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratt. L-awtorità kontraenti waslet għal din il-konklużjoni wara li kkonstatat, wara konsultazzjoni mas-sit internet tat-trade mark Intel, li l-proċessuri tat-tip Core i5 bi frekwenza ta' 3.2 GHz tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni (Core i5-650) ma kinux għadhom jiġu prodotti jew immonitorjati minn dan il-manifattur, għalkemm kienu għadhom disponibbli kummerċjalment, u li l-proċessur tal-istess tip li issa qed jiġi prodott mill-istess manifattur u li għandu frekwenza ta' mill-inqas 3.2 GHz kien il-proċessur tat-tielet ġenerazzjoni. Huwa b'relazzjoni ma' dan il-proċessur tat-tielet ġenerazzjoni, li għandu prestazzjoni superjuri għall-proċessur propost minn EFS, li dan tal-aħħar ġie ddikjarat li ma kienx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratt.

12 EFS ressqet ilment quddiem il-Consiliul Național de Soluționare a Contestațiilor (bord nazzjonali ta' riżoluzzjoni tal-ilmenti) kontra d-deċiżjoni li ċaħdet l-offerta tagħha, bl-argument li l-prestazzjoni tal-proċessur previst fl-offerta hija superjuri għal dik tal-proċessur imsemmi fil-kuntest tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratt, jiġifieri Intel Core i5-650, ta' 3.2 GHz. Huwa paċifiku li l-proċessur propost minn EFS huwa effettivament superjuri minn dak tat-trade mark Intel tat-tip Core i5-650. Peress li dan l-ilment ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2014, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Curtea de Apel Alba Iulia (qorti tal-appell ta'Alba Iulia).

13 F'dan il-kuntest, il-Curtea de Apel Alba Iulia ddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Fejn l-awtorità kontraenti tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodott li huwa suġġett tal-kuntratt b'riferenza għal prodott ta' marka kummerċjali partikolari, l-Artikolu 23(8), tad-Direttiva 2004/18[...] għandu jiġi interpretat fi-sens l l-karatteristiċi ta' prodott propost [minn offerent u preżentat bħala] ekwivalenti għandu jiġi evalwat biss fir-rigward tal- [karatteristiċi] tal-prodotti preżentement manifatturati [mill-manifattur fejn il-prodott kien użat bħala riferenza għas-speċifikazzjonijiet tekniċi konċernati] jew dawn il-karatteristiċi jistgħu wkoll jiġu evalwati ugwalment fid-dawl tal-prodotti [ta' dan il-manifattur] li jeżistu fis-suq, iżda li l-manifattura tagħhom tkun waqfet?"

Fuq id-domanda preliminari

14 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li qorti tar-rinviju titlaq mill-ipoteżi li d-Direttiva 2004/18 hija applikabbli għall-kuntest tal-kawża prinċipali, mingħajr madankollu ma tipprovdi elementi li minnhom tirriżulta l-applikabbiltà ta' dan l-att ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

15 Issa, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-proċeduri partikolari u rigorużi previsti mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi japplikaw biss għal dawk il-kuntratti li l-valur tagħhom jaqbeż il-limitu previst espressament f'kull waħda minn dawn id-direttivi. Għalhekk, ir-regoli ta' dawn id-direttivi ma japplikawx għall-kuntratti li l-valur tagħhom ma jilħaqx il-limitu stabbilit minnhom (sentenza SECAP u Santorso, C-147/06 u C-148/06, EU:C:2008:277, punt 19, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, l-Artikolu 23(8) tad-Direttiva 2004/18, li l-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tinterpreta, ma huwiex applikabbli fil-kuntest tal-kawża prinċipali. Fil-fatt, il-valur, esklużа l-VAT, tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni huwa ta' EUR 58 600, filwaqt li l-limitu rilevanti għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif stipulat fl-Artikolu 7(b) tagħha, huwa ta' EUR 200 000.

16 Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat li l-għoti ta' kuntratti li, fid-dawl tal-valur tagħhom, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huma madankollu suġġetti għar-regoli fundamentali u għall-prinċipji ġenerali tat-Trattat FUE, b'mod partikolari għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u kif ukoll tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżultaw minnhom, bil-kundizzjoni li dawn il-kuntratti jkollhom xi interess transkonfinali fir-rigward ta' ċerti kriterji oġġettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ordine degli Ingegneri della Provincia di Lecce *et*, C-159/11, EU:C:2012:817, punt 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

17 Issa, għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tagħmel ebda riferiment dirett għar-regoli fundamentali u għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fid-deċiżjoni tar-rinviju, minn ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi tweġiba utli għall-qorti li tkun indirizzat lilha domanda preliminari, tista' tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda preliminari tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Medipac – Kazantzidis, C-6/05, EU:C:2007:337, punt 34).

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-qorti tar-rinviju ma kkonstatatx l-elementi neċessarji li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk, fil-kawża prinċipali, jeżistix interess transkonfinali ċert. Issa, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija għandha tkun tista' ssib fit-talba għal deċiżjoni preliminari espożizzjoni tal-fatti li fuqhom id-domandi jkunu bbażati kif ukoll tar-rabta li hemm b'mod partikolari bejn dawn il-fatti u dawn id-domandi. Għalhekk, il-konstatazzjoni tal-elementi neċessarji għall-verifika tal-eżistenza ta' xi interess transkonfinali ċert, kif ukoll, b'mod ġenerali, il-konstatazzjonijiet kollha li t-twettiq tagħom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali u li minnhom tiddependi l-applikabbiltà ta' att ta' leġiżlazzjoni sekondarja jew ta' leġiżlazzjoni primarja tal-Unjoni, għandha ssir qabel it-talba lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et*, C-113/13, EU:C:2014:2440, punt 47).

19 Madankollu, fid-dawl tal-ispirtu ta' kooperazzjoni li jipprevali fir-relazzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura tad-domandi preliminari, l-assenza ta' dawn l-osservazzjonijiet preliminari mill-qorti tar-rinviju dwar l-eżistenza ta' xi interess possibbli transkonfinali ċert mhux bilfors twassal għall-inammissibbiltà tat-talba jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-elementi li jirriżultaw mill-proċess, tqis li tkun tista' tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju. Dan ikun partikolarment il-każ meta d-deċiżjoni tar-rinviju jkollha elementi rilevanti suffiċjenti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza eventwali ta' tali interess. Madankollu, ir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tkun valida biss sakemm ikun hemm xi interess transkonfinali ċert fil-kawża prinċipali li, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ddettaljata tal-elementi rilevanti kollha tal-kawża prinċipali, jiġi kkonstatat mill-qorti tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et*, C-113/13, EU:C:2014:2440, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 Fir-rigward tal-kriterji oġġetivi li jistgħu jindikaw l-eżistenza ta' xi interess transkonfinali ċert, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kriterji bħal dawn jistgħu jkunu, b'mod partikolari, l-ammont ta' ċertu daqs tal-kuntratt inkwistjoni, flimkien mal-post ta' eżekuzzjoni tax-xogħlijiet jew ukoll tal-karatteristiċi tekniċi tal-kuntratt. Il-qorti tar-rinviju tista', fl-evalwazzjoni globali tagħha tal-eżistenza ta' xi interess transkonfinali ċert, tieħu wkoll inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' lmenti minn operaturi fi Stati Membri oħra, bil-kundizzjoni li dawn ikunu reali u mhux fittizji (ara s-sentenza Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et*, C-113/13, EU:C:2014:2440, punt 49 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-elementi fattwali tal-kawża prinċipali, il-valur baxx tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jeskludix, waħdu, l-eżistenza ta' interess transkonfinali ċert.

22 Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina fid-dettall, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw il-kuntest li fih il-kawża tressqet quddiemha, jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali effettivament għandux interess transkonfinali ċert. Huwa b'din ir-riżerva li qed jiġu stabiliti l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

23 Huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jifhem id-domanda preliminari bħala waħda li tirrigwarda, fil-kuntest ta' kuntratt li ma huwiex suġġett għad-Direttiva 2004/18, iżda li għandu interess transkonfinali ċert, l-implikazzjonijiet tar-regoli fundamentali u tal-prinċipji ġenerali tat-Trattat, b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll tal-obbligu tat-trasparenza li jirriżultaw minnu.

24 Għandu jiġi rrilevat barra minn hekk li, fil-kawża prinċipali, il-waqfien tal-produzzjoni filwaqt li tinżamm id-disponibbiltà fis-suq inkwistjoni ma jikkonċernax il-prodott magħmul minn offerent, iżda l-prodott li tirreferi għalih l-ispeċifikazzjoni teknika kontestata. Għalhekk, il-kwistjoni rilevanti ma hijiex li jsir magħruf jekk, fin-nuqqas ta' kull informazzjoni dwar dan is-suġġett fid-dokumenti tal-kuntratt fil-kawża prinċipali, l-awtorità kontraenti tistax teżiġi li l-prodott propost minn offerent għadu qed jiġi mmanifatturat, iżda li jsir magħruf jekk awtorità kontraenti li semmiet speċifikazzjoni teknika b'riferiment għal prodott ta' trade mark partikolari tistax, fil-każ ta' waqfien ta' manifattura tal-prodott imsemmi, tibdel din l-ispeċifikazzjoni b'riferiment għal prodott komparabbli tal-istess marka li issa qed jiġi mmanifatturat, u li l-karatteristiċi tiegħu jkunu differenti.

25 Fir-rigward tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza, l-Istati Membri jgawdu minn ċerta setgħa diskrezzjonali sabiex jadottaw il-miżuri maħsuba li jħarsu l-osservanza ta' dawn il-prinċipji, li huma imposti wkoll fuq l-awtoritajiet kontraenti matul il-proċedura kollha tal-għoti ta' kuntratt pubbliku (ara s-sentenza Serrantoni u Consorzio stabile edili, C-376/08, EU:C:2009:808, punti 31 u 32).

26 L-obbligu ta' trasparenza għandu b'mod partikolari l-għan li jiżgura li ma jkun hemm ebda riskju ta' arbitrarjetà min-naħa tal-awtorità kontraenti (ara, fir-rigward tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, is-sentenza SAG ELV Slovensko *et*, C-599/10, EU:C:2012:191, punt 25 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Issa, dan il-għan ma jintlaħaqx jekk l-awtorità kontraenti tkun tista' tevadi l-kundizzjonijiet li tkun stabbilixxiet hija stess. Għalhekk, l-awtorità kontraenti hija pprojbita li timmodifika l-kriterji ta' għoti ta' kuntratt matul il-proċedura tal-għoti. Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza għandhom, f'dan ir-rigward, l-istess effett fil-konfront tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

28 Għaldaqstant, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza jipprekludu lill-awtorità kontraenti milli tiċħad offerta li tissodisfa r-rekwiżiti fl-avviż ta' sejħa għal offerti u li tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq raġunijiet li ma jkunux previsti fl-avviż (sentenza Medipac – Kazantzidis, C-6/05, EU:C:2007:337, punt 54).

29 Konsegwentement, l-awtorità kontraenti ma' tistax, wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, tagħmel modifika fl-ispeċifikazzjoni teknika ta' wieħed mill-elementi tal-kuntratt, bi ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll tal-obbligu ta' trasparenza. Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-element li tirreferi għalih din l-ispeċifikazzjoni ma jkunx għadu qed jiġi mmanifatturat jew ma jkunx għadu disponibbli fis-suq.

30 Huwa xieraq, għalhekk li tingħata risposta lid-domanda magħmula li l-Artikolu 23(8) tad-Direttiva 2004/18 ma huwiex applikabbli għal kuntratt pubbliku li l-valur tiegħu ma jkunx laħaq il-limitu applikabbli previst minn din id-direttiva. Fil-kuntest ta' kuntratt pubbliku li ma jkunx suġġett għall-imsemmija direttiva, iżda li jkollu interess transkonfinali ċert, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, ir-regoli fundamentali u l-prinċipji ġenerali tat-Trattat FUE, b'mod partikolari

l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżultaw minnu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità kontraenti ma tistax tiċħad offerta li tissodisfa r-rekwiżiti tal-avviż ta' kuntratt u tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq raġunijiet li ma jkunux previsti f'dan l-avviż.

Fuq l-ispejjeż

31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet prinċipali, in- natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 23(8) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 1251/2011 tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Novembru 2011, ma huwiex applikabbli għal kuntratt pubbliku li l-valur tiegħu ma jkunx laħaq il-limitu applikabbli previst minn din id-direttiva. Fil-kuntest ta' kuntratt pubbliku li ma jkunx suġġett għall-imsemmija direttiva, iżda li jkollu interess transkonfinali ċert, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, ir-regoli fundamentali u l-prinċipji ġenerali tat-Trattat FUE, b'mod partikolari l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżultaw minnu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità kontraenti ma tistax tiċħad offerta li tissodisfa r-rekwiżiti tal-avviż ta' kuntratt u tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq raġunijiet li ma jkunux previsti f'dan l-avviż.

Firem